**PRIM'AWLA QORTI CIVILI**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 09 ta' April, 2019**

**Mandat ta' Inibizzjoni Nru: 334/2019 AF**

**Dennis Vella u Carmen Borg f'isimha personali u bhala mandatarja ta' John Vella (Passaport Awstraljan PA5778217), Felix Vella u Alfred Vella (Passaport Malta Nru. 1172035)**

**vs**

**Joseph Vella iben il-mejtin Anthony u Rita Vella**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Dennis Vella u Carmen Borg f'isimha personali u bhala mandatarja ta' John Vella, Felix Vella u Alfred Vella, li permezz tieghu, ghar-ragunijiet moghtija, din il-Qorti ntalbet izzomm lil Joseph Vella milli jbiegh, inehhi, jittrasferixxi jew jiddisponi *inter vivos* sew b'titolu oneruz jew gratuwitu xi proprjetà u b'mod partikolari is-sehem apparjenenti lilu mill-fond/proprjetà numru ufficcjali erbgha u disghin (94), gja maghruf bhala plot sittin (60), fi Triq Napuljun Caruana Dingli, gewwa l-Mellieha, inkluz l-arja libera u mhux interrotta, konfinanti dan il-fond minn Nofsinhar ma' Triq Napuljun

Caruana Dingli, u mill-Punent u mill-Lvant ma' beni tal-Gvern ta' Malta jew l-aventi kawza, liema fond jinsab fit-territorju maghruf bhala "Ta' Pennellu", kif soggett ghac-cens annwu u temporanju indikat fl-att tal-akkwist, mill-bqija liberu u frank, bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tieghu.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat it-twegiba ta' Joseph Vella.

Semghet lid-difensuri.

Rat li r-rikors thalla sabiex jigi degretat in camera.

Ikkunsidrat illi l-mandat *de quo* qieghed jintalab a tenur tal-Art. 874(1) tal-Kap. 12 li jipprovdi testwalment illi:

> *"Mandat ta' inibizzjoni jista' jintalab ukoll minn kreditur biex jiżgura dejn, jew kull pretensjoni oħra li tkun tammonta għal mhux inqas minn ħdax-il elf sitt mija u sitta u erbgħin euro u sitta u tmenin ċenteżmu (11,646.86). L-iskop ta' dan il-mandat hu biex iżomm lid-debitur milli jbiegħ, jittrasferixxi jew jiddisponi inter vivos mill-proprjetà li tiġi indikata fir-rikors b'titolu oneruż jew gratuwitu jew b'xi mod joħloq piż jew drittijiet reali u, jew personali; iżda dak il-mandat ma jgħoddx għall-kostituzzjoni ta' xi dritt fuq, jew trasferiment ta', proprjetà li jsir skont ordni tal-qorti, jew fuq garanziji bankarji u ittri ta' kreditu."*

Huwa ritenut illi:

> *"ghalkemm huwa minnu li dan l-element huwa meħtieġ bħal fil-każ ta' kull mandat ta' inibizzjoni ieħor, madankollu, ma jistax jingħad li l-kriterji huma l-istess. Dan jingħad għaliex, għall-finijiet tal-artikolu 874 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, il-kejl waħdieni huwa biss jekk kemm-il darba l-pretensjoni ta' min jitlob il-ħruġ ta' Mandat bħal dak taqbiżx l-ammont ta' ħdax-il elf, sitt mija u sitta u erbgħin euro u sitta u tmenin ċenteżmi (€11,646.86). Jekk taqbeż dik is-somma, dak l-element jikkostitwixxi l-jedd mad-daqqa t'għajn tar-rikorrent biex jinħareġ il-Mandat*

*mitlub."* (Maniscalco et vs A.X.T. Properties Limited – 4 ta' Awwissu 2015)

F'dawn ic-cirkostanzi, l-Qorti tqis li t-talba hija gustifikata b'dana però, u mid-dokument esibit jidher li l-istess rikorrenti huma tal-istess fehma, illi l-mandat m'ghandux jolqot kull proprjetà tal-intimat izda jigi limitat ghall-proprjetà immobbli partikolari msemmija.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' definittivament it-talba kontenuta fir-rikors ta' Dennis Vella u Carmen Borg proprio et nomine b'dana però li l-mandat jolqot biss l-immobbli msemmi fl-istess rikors.

Il-Qorti tordna lir-Registratur jeffettwa r-registrazzjoni tal-mandat skond il-ligi.

L-ispejjez jibqghu rizervati ghall-gudizzju finali fil-kawza fil-mertu bejn il-partijiet.

IMHALLEF